# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 17

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

It-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Stefan Cordina, tas-Sinjura Rita Borg, tas-Sur Anthony Chircop u tas-Sur Stephen Sultana fejn infurmaw lill-membri li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa.

17.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 16 li saret nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

17.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, mis-Dominic Cassar.

## 17.3 Komunikazzjoni mill-President

17.3.1 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar l-avveniment sportiv li kien imiss u li dan kien ser jinżamm nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2018 fejn ser tinżamm tiġrija ta' 5 km u 10 km.

17.3.2 Il-President fakkar wkoll dwar kampjonat tat-*table tennis* li ser jinżamm fl-iskola ta' Santa Monica ġewwa Birkirkara nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru. Dan l-avveniment ser jiswa €1,000.

17.3.3 Il-President żied jgħid ukoll dwar il-kampjonat tas-subbuteo li ser isir ġewwa iċ-Ċentru Parrokjali ta' Ħ'Attard nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018 u kif l-ispiża għal dan l-avveiment ser jammonta għal €600.

17.3.4 Dawn iż-żewġ pagamenti ġew inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li ser jiġu ppreżentati aktar 'l quddiem f'din il-laqgħa.

17.3.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 17.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

17.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

17.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 17.5 Prezentazzjoni dwar SUMP minn rappreżentanti tat-TM

17.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa

kellhom ikunu preżenti rappreżentanti minn Transport Malta sabiex jgħatu spjegazzjoni dwar il-proġett tal-UE SUMP. Sfortunatment, ftit qabel ma bdiet il-laqgħa, il-President ġie nfurmat li dawn ir-rappreżentanti ma setgħux jattendu u ser jattendu fil-laqgha tar-Reġjun li jmiss, f'Jannar 2019.

17.5.2 Il-President spjega kif hu kif ukoll Presidenti mir-Reġjuni l-oħra kienu mistiedna għall-laqgħa fil-bini ta' TM dwar dan is-suġġett. Sfortunatament il-maġġoranza tal-Presidenti ma setgħux ikunu preżenti minħabba impenji oħra u għal din ir-raġuni kien hemm qbil waqt din il-laqgħa li dawn ir-rappreżenti jattendu fil-laqgħat tar-Reġjuni.

17.5.3 Il-President ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jagħmlu mill-aħjar u jkunu preżenti fil-laqgħa li jmiss.

## 17.6 Rapporti

17.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa. Madankollu, huwa nforma lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, bagħtet emejl lid-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, lis-Sur Adrian Mifsud, dwar l-allokazzjoni tar-Reġjuni sabiex b'hekk ir-Reġjun ikun jista' jippjana il-Baġit għas-sena 2019 fuq ammonti konkreti. Sfortunatament, f'dan l-istadju, is-Sur Mifsud għadu ma bagħat l-ebda risposta.

## 17.7 Approvazzjoni tal-Vakanza ta' *Accounts Officer* (Skala 13)

**17.7.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif wara l-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, talbet lid-DLG sabiex l-iskala tkun dik ta' 11 flok 13. Peress li din it-talba ġiet milquha, nħarġejt sejħa interna fir-Reġjun nhar il-Ħamis 8 ta' Novembru 2018. L-impjegati fi ħdan ir-Reġjun kellhom l-opportunità li japplikaw sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2018, nofsinhar. Peress li ma kien hemm l-ebda interess, is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet din is-sejħa b'mod intern fil-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali. Dawk interessati setgħu japplikaw sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2018. B'Kollox dan ir-Reġjun irċieva tliet applikazzjonijiet u għal din ir-raġuni ser jinżammu intervisti fil-jiem li ġejjin.

## 17.8 Sejħa għal Servizz ta' Accountant għar-Reġjun

17.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li kif din is-sejħa fuq is-sistema ta' l-EPPs ġiet magħluqa nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2018 u għal din ir-raġuni l-bord kompost mis-Sur Conrad Borg Manché, mis-Sur Dominic Cassar kif ukoll mis-Sur Anthony Dalli fil-preżenza tas-Sur Michael Fenech Adami kif ukoll is-Sinjura Jeanette Galea, iltaqgħu fl-uffiċċju amministrattiv aktar kmieni illum sabiex l-offerti jiġu evalwati.

17.8.2 Il-President spjega kif bħala bord kien hemm qbil li tintalab kjarifika mingħand wieħed mill-kuntratturi interessati qabel ma tittieħed deċiżjoni finali. Għal din ir-raġuni, din is-sejħa għadha ma ġietx konkluża.

17.8.3 Il-President informa lir-residenti li jekk, għal xi raġuni, l-kuntratt jiġi mrebbaħ lil kuntrattur ġdid, huwa talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex il-kuntrattur li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent jibqa joffri s-servizz professjonali tiegħu sakemm isir l-awditjar fuq is-sena 2018 u s-sena finanzjarja tkun magħluqa.

17.8.4 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 17.9 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Scanning* ta' dokumenti

17.9.1 Il-President spjega kif fil-laqgħa preċedenti reġgħet issemmiet is-sistema ta' scanning u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv reġgħet bagħtet emejl lis-Sinjura Elizabeth Vassallo dwar x'jista' jsir. Is-Sinjura Vassallo wieġbet li fil-preżent qed issiru diskussjonijiet mal-MaltaPost sabiex il-faċilita ta' archiving u scanning tkun ċentralizzata. Hi qalet ukoll li din il-proċedura għandha tiġi implimentata sa' l-aħħar ta' din is-sena. Hija ser tinfurmana hekk kif l-arranġament ikun iffinalizzat.

- *L-ikla tal-Milied tar-Reġjun*

17.9.2 Fil-laqgħa preċedenti kien hemm qbil li l-ikla tar-Reġjun tinżamm fil-bidu tas-sena 2019 u għal din ir-raġuni kellha tiġi stabilita data.

17.9.3 Il-membri preżenti unanimament qablu li l-ikla għandha ssir nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019.

- *Applikazzjoni ghat-Teleworking*

17.9.4 Il-President, ressaq fuq il-mejda t-talba mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiġi mġedda l-applikazzjoni tat-*teleworking* għal perjodu ta' sena oħra.

17.9.5 Il-membri unanimament approvaw din it-talba.

- *Kors*

17.9.6 Il-President spjega kif inħasset il-ħtieġa li waħda mill-impjegata fir-Reġjun għandha tattendi għal kors sabiex ikun hemm tagħlim fuq l-użu ta' l-emejl u Microsoft office. Għal din ir-raġuni ser tattendi għal kors għand it-TCTC fuq bażi individwali.

17.9.7 Il-membri prezenti unanimament qablu dwar dan.

## 17.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

17.10.1 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, resqet mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 15A u 15B.

17.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 17.11 Mozzjonijiet

17.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 17.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.12.1 Il-laqgħa intemmet fil-6:15pm u l-President fakkar lill-membri preżenti li d-data tas-seduta li jmiss tar-Reġjun hija nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019, fis-6:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 10 ta' Jannar, 2019.

IFFIRMATA — IFFIRMATA

Michael Fenech Adami — Jeanette Galea
President — Segretarju Eżekuttiv